



European Securities and
Markets Authority

Linji Gwida

Regoli u proċeduri dwar l-inadempjenza ta' parteċipanti tas-CSD



Werrej

1	Kamp ta' applikazzjoni.....	3
2	Definizzjonijiet	4
3	Għan	5
4	Obbligi ta' konformità u ta' rapportar	6
4.1	L-istatus tal-linji gwida	6
4.2	Rekwiżiti ta' rappurtaġġ	6
5	Linji Gwida.....	7
5.1	Definizzjoni tar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza ta' parteċipant.....	7
5.2	Ittestjar u reviżjoni perjodika tar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza ta' parteċipant.....	10

1 Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti.

Xiex?

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri li s-CSD għandu jistabbilixxi sabiex jindirizza l-inadempjenza ta' parteċipant skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Meta?

3. Dawn il-linji gwida japplikaw mid-data li tiġi xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

2 Definizzjonijiet

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini definiti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

<i>Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/392</i>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/392 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, superviżorji u operazzjonali għal depożitarji ċentrali tat-titoli.
<i>Prinċipji CPSS-IOSCO għal Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji</i>	Prinċipji għal infrastrutturi tas-swieq finanzjarji, April 2012, mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu (CPSS) u mill-Kumitat Tekniku tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO)
<i>Direttiva 98/26/KE</i>	Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli
<i>KE</i>	Il-Kummissjoni Ewropea
<i>ESMA</i>	L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
<i>UE</i>	L-Unjoni Ewropea
<i>ir-Regolament (UE) Nru 909/2014</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012
<i>ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010;</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE

3 Għan

5. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jiżguraw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014. B'mod partikolari, għandhom l-għan li jiżguraw li CSDs jiddefinixxu u japplikaw regoli u proċeduri ċari u effettivi sabiex jimmaniġġjaw l-inadempjenza ta' kwalunkwe wieħed mill-parteċipanti tagħhom (dan għandu jkopri kull tip ta' parteċipant, jiġifieri inklużi parteċipanti li huma CSDs jew tipi oħra ta' infrastrutturi tas-swieq u, f'dawk l-Istati Membri li għażlu li jikkunsidraw parteċipanti indiretti bħala parteċipanti, skont l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 98/26/KE, anki parteċipanti indiretti).
6. Peress li l-kunċett ta' *"inadempjenza"* nnifsu diġà huwa definit skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, fir-rigward ta' parteċipant bħala *"sitwazzjoni fejn jinfetħu proċeduri ta' insolvenza (...) kontra parteċipant"*, l-għan ta' dawn il-Linji Gwida huwa li ma jispeċifikawx aktar il-kunċett ta' *"inadempjenza"* fir-rigward ta' parteċipant, iżda biss li jipprovdu gwida dwar il-passi li għandu jistabbilixxi u jimxi fuqhom CSD f'każ li ssejtn din l-inadempjenza.
7. Id-Direttiva 98/26/KE tiddefinixxi "proċeduri ta' insolvenza" bħala "kull miżura ta' ġbir kif ipprovduta mil-liġi ta' Stat Membru, jew pajjiż terz, jew sabiex ikun xolt il-partiċipant jew sabiex torganizzah mill-ġdid, meta miżura bħal din tinvolvi s-sospensjoni ta', jew l-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet fuq, trasferimenti jew pagamenti" (Artikolu 2(j)) u l-mument tal-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza kontra partiċipant bħala l-mument meta l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tkun għaddiet id-deċiżjoni tagħha (Artikolu 6(1)). Id-Direttiva 98/26/KE tipprovdi wkoll li, f'dan il-każ, din l-awtorità għandha immedjatament tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-awtorità xierqa magħżula mill-Istat Membru tagħha u li l-Istat Membru għandu immedjatament jinnotifika lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, lil Stati Membri oħra u lill-ESMA (Artikolu 6(2) u (3)).
8. Kif imsemmi fil-premessa 6 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-ESMA għandha tiżgura konsistenza mal-Prinċipji CPSS-IOSCO għal Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji meta tfassal linji gwida għar-Regolament (UE) Nru 909/2014.
9. F'dan ir-rigward, wieħed jista' jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Prinċipji CPSS-IOSCO għal Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji fil-fatt huwa usa' minn dak ta' dawn il-linji gwida għaliex jipprovdi li *"fir-regoli u fil-proċeduri tiegħu FMI għandu jipprovdi liema ċirkostanzi jikkostitwixxu inadempjenza ta' partiċipant, fejn jindirizza kemm inadempjenza finanzjarja kif ukoll operazzjonali"*, fejn jispeċifika li *"inadempjenza operazzjonali ssejtn meta partiċipant ma jkunx kapaċi jissodisfa l-obbligi tiegħu minħabba problema operazzjonali, bħal problema f'sistemi tat-teknoloġija tal-informatika"*.
10. Huwa importanti li jiġi nnutat li, minkejja li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 juża definizzjoni pjuttost limitata ta' *"inadempjenza"*, dan ma jimpedixxi CSDs milli jistabbilixxu proċeduri oħra biex jindirizzaw avvenimenti li jkunu qegħdin jaffettwaw il-partiċipanti tagħhom għajr il-ftuħ ta' proċeduri ta' insolvenza formali kontrihom.

4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

4.1 L-istatus tal-linji gwida

11. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 41(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 b'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet.
12. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiċi ta' superviżjoni tagħhom u jissorveljaw jekk CSDs jikkonformawx magħhom.

4.2 Rekwiżiti ta' rappurtaġġ

13. L-awtoritajiet kompetenti li lilhom huma indirizzati dawn il-linji gwida jeħtieġ li jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew jekk għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw mal-linji gwida, b'raġunijiet għal nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE lil CSDR.Notifications@esma.europa.eu.
14. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA.

5 Linji Gwida

5.1 Definizzjoni tar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza ta' parteċipant

5.1.1 Proċedura għall-istabbiliment tar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza tal-partiċipant

1. Fl-iżvilupp tar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza tiegħu għal kull wieħed mis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jinvolti kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti, inkluż, iżda mhux limitat għall-partiċipanti tiegħu (possibbilment permezz tal-konsultazzjoni tal-kumitati tal-utenti tiegħu), infrastrutturi tas-swieq rilevanti oħra (CSDs, entitatjiet li jagħmlu saldu tal-parti tal-flus tat-tranżazzjonijiet ta' titoli li jsir saldu għalihom permezz tas-CSD, CCPs u ċentri tan-negozjar), u, fejn tintuża infrastruttura ta' saldu komuni, l-operatur ta' din l-infrastruttura.
2. Ir-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza ta' CSD għandhom jiġu approvati mill-korp maniġerjali.

5.1.2 Rikonnoxximent ta' inadempjenza ta' parteċipant

3. L-implimentazzjoni minn CSD tar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza tiegħu għandhom jiġu attivati ladarba CSD, wara li jkun għamel il-passi kollha raġjonevoli sabiex jivverifika l-okkorrenza tiegħu, ikun identifika inadempjenza ta' parteċipant.
4. CSD jista' jiġi infurmat dwar l-inadempjenza ta' wieħed mill-partiċipanti tiegħu mill-partiċipant innifsu, mill-awtorità maħtura skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 98/26/KE fl-Istat Membru tas-CSD, mill-awtorità kompetenti tas-CSD, mill-awtorità kompetenti tal-partiċipant inadempjenti jew minn kwalunkwe persuna oħra b'għarfien tal-eżistenza tal-inadempjenza, bħal CCP, ċentru tan-negozjar, CSD relatat jew l-operatur ta' infrastruttura ta' saldu komuni użata mis-CSD.
5. Sa dan il-punt CSD għandu jitlob lill-partiċipanti tiegħu biex jinnotifikaw l-inadempjenza tagħhom malajr kemm jista' jkun u għandhom jispeċifikaw permezz ta' liema kanali għandha ssir din in-notifika.
6. Malli jiġi infurmat dwar l-inadempjenza ta' parteċipant, is-CSD għandu jibgħat din l-informazzjoni, inklużi dettalji disponibbli f'dak il-ħin u s-sors tal-informazzjoni, lill-awtorità kompetenti tiegħu. Wara dan hu għandu, malajr kemm jista' jkun, jidentifika u jibgħat lill-awtorità kompetenti tiegħu tal-inqas l-informazzjoni addizzjonali elenkata hawn taħt:
 - it-tip ta' parteċipant li fir-rigward tiegħu seħħet l-inadempjenza (pereżempju informazzjoni bħal status legali, liċenzja, attività, jekk huwiex parteċipant ewlieni skont l-Artikolu 67 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/392),

- il-volum u l-valur totali tal-istruzzjonijiet ta' saldu tal-parteċipant inadempjenti li jkunu qegħdin jistennew soluzzjoni u, jekk possibbli, ta' dawk li tista' tonqos li tinstab soluzzjoni għalihom, fejn il-"valur" jiġi kkalkulat kif speċifikat fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/392 dwar il-ġurnata tal-inadempjenza;
- it-tip ta' tranżazzjonijiet u istruzzjonijiet finanzjarji (bil-kategoriji użati rispettivament fl-Artikoli 54(2)(b) u 42(1)(d)(i) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/392) li għalihom huma relatati dawk l-istruzzjonijiet,
- meta applikabbli, f'liema infrastruttura ta' saldu komuni l-istruzzjonijiet ta' saldu tal-parteċipant inadempjenti jiġu pproċessati u, meta disponibbli, kwalunkwe indikatur ieħor ta' attivitajiet transkonfinali tal-parteċipant f'inadempjenza,
- fejn magħruf mis-CSD, in-numru ta' klijenti li l-parteċipant inadempjenti jkollu, u
- informazzjoni dwar kwalunkwe riskji materjali li din l-inadempjenza tista' tinvolvi.

5.1.3 Azzjonijiet li jista' jieħu CSD f'każ ta' inadempjenza

7. CSD għandu jindika fir-regoli u fil-proċeduri dwar l-inadempjenza tiegħu liema azzjonijiet jista' jieħu meta sseħħ inadempjenza fir-rigward ta' wieħed mill-parteċipanti tiegħu, inklużi l-miżuri li jista' jieħu sabiex jillimita t-telf u pressjonijiet ta' likwidità fil-punt u wara l-punt ta' inadempjenza ta' parteċipant. Is-CSD għandu jispeċifika jekk dawk l-azzjonijiet humiex awtomatiċi jew jiġux deċiżi fuq bażi ta' każ b'każ.
8. L-azzjonijiet jistgħu jinkludu, sal-limitu permess skont il-liġi applikabbli u, b'mod partikolari, f'konformità mar-regoli ta' finalità tas-saldu definiti fid-Direttiva 98/26/KE:
 - (a) bidliet għall-prattiki normali ta' saldu, bħall-imblukkar ta' dħul ta' struzzjonijiet addizzjonali ta' saldu fis-sistemi ta' saldu tat-titoli mill-parteċipant inadempjenti, is-suspensjoni ta' struzzjonijiet mhux finali ta' saldu tiegħu mis-saldu, jew ir-restrizzjoni ta' ċerti funzjonalitajiet li jistgħu jiġu applikati għall-istruzzjonijiet ta' saldu ta' dak il-parteċipant bħall-istabbiliment ta' data finali għar-riċiklar ta' struzzjoni ta' saldu;
 - (b) użu ta' riżorsi finanzjarji mis-CSD: fejn rilevanti, is-CSD għandu jispeċifika fir-regoli u fil-proċeduri tiegħu liema huma dawk ir-riżorsi finanzjarji (bħal, għal CSD mingħajr liċenza bankarja, fond ta' garanzija jekk fis-seħħ jew għal CSD awtorizzat li jipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju, il-kollateral provdut mill-parteċipanti tiegħu), l-ordni li fiha jintużaw u l-miżuri u l-proċeduri biex jindirizzaw ir-riforniment xieraq ta' dawn ir-riżorsi wara inadempjenza.
9. Ir-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza ta' CSD għandhom jispeċifikaw il-konsegwenzi tal-azzjonijiet li jista' jieħu fir-rigward tal-istruzzjonijiet u l-kontijiet ta' saldu ta' parteċipanti inadempjenti u mhux inadempjenti.

5.1.4 Implimentazzjoni tar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza

10. Is-CSD għandu jispeċifika l-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati għall-għażla ta' kull waħda mill-azzjonijiet elenkati fir-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza tagħha.
11. Is-CSD għandu jkollu regoli u proċeduri li jiddefinixxu b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tad-diversi partijiet, kemm fi ħdan l-organizzazzjoni tiegħu kif ukoll, kif xieraq, 'il barra minnha, sabiex tiġi indirizzata l-inadempjenza ta' parteċipant, u jingħata taħriġ u gwida lill-persunal tiegħu dwar kif għandhom jiġu implimentati r-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza. Dawn ir-regoli u l-proċeduri għandhom jidentifikaw persunal ewlieni għal dan il-għan, jindirizzaw komunikazzjonijiet, dokumentazzjoni, ħtiġijiet ta' informazzjoni u kwistjonijiet ta' aċċess għal data, u koordinazzjoni ma' entitajiet oħra, inkluż, kif xieraq, infrastrutturi oħra tas-swieq, u, għal CSDs li jużaw infrastruttura ta' saldu komuni, l-operatur ta' din l-infrastruttura.

5.1.5 Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza

12. Ir-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza ta' CSD għandhom jipprovdu li:
 - (a) Is-CSD għandu jinnotifika malajr kemm jista' jkun l-awtorità kompetenti tiegħu u l-partieċipant inadempjenti dwar l-azzjonijiet li se jittieħdu jew li ttieħdu minn CSD wara l-inadempjenza;
 - (b) Is-CSD għandu jinforma lill-persuni li ġejjin malajr kemm jista' jkun dwar l-azzjonijiet li ttieħdu mis-CSD wara l-inadempjenza:
 - i. l-awtoritajiet rilevanti tiegħu;
 - ii. ESMA
 - iii. il-partieċipanti mhux inadempjenti tiegħu;
 - iv. iċ-ċentri tan-negozjar u s-CCPs moqdija mis-CSD;
 - v. l-operatur tal-infrastruttura ta' saldu komuni użata mis-CSD;
 - vi. is-CSDs relatati.
13. Informazzjoni pprovduta lill-persuni msemmija fil-punti iii. sa vi. tal-ittra (b) tal-paragrafu 26 m'għandux ikun fiha data personali fi ħdan it-tifsira tal-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE¹ (ħlief f'każijiet fejn il-partieċipant inadempjenti ikun persuna fiżika).

¹ "data personali" tfisser kull data li jkollha x'taqsam ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-data'); persuna identifikabbli hija persuna li tista' tkun identifikata, direttament jew indirettament, partikolarment b'referenza għal numru ta' identità jew għal fattur wieħed speċifiku jew aktar dwar identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tagħha", Direttiva

5.2 Ittestjar u reviżjoni perjodika tar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza ta' parteċipant

14. Ir-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza ta' CSD għandhom jispeċifikaw il-mekkaniżmi u ż-żmien sabiex jiġu ttestjati l-effettività u l-prattikalità tagħhom.
15. CSD għandu jwettaq dawn it-testijiet mill-inqas kull sena u, f'kull każ, wara kwalunkwe bidla sostantiva fir-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza ta' CSD jew fuq talba mill-awtorità kompetenti tiegħu, b'kampjun rilevanti tal-parteċipanti tiegħu, b'infrastrutturi tas-swieq rilevanti (CSDs, entitajiet li jsaldu l-parti tal-flus tat-tranżazzjonijiet ta' titoli saldati permezz tas-CSD, CCPs u ċentri tan-negozjar) u kwalunkwe entità oħra (bħall-operatur ta' infrastruttura ta' saldu komuni li juża s-CSD, partijiet terzi li għalihom il-provvediment ta' servizzi ġie esternalizzat, eċċ.), kif xieraq, għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera. L-awtorità kompetenti tas-CSD tista' titlob li tiegħu sehem f'dawn it-testijiet.
16. Qabel kull test, CSD għandu jiddefinixxi l-parametri li skonthom għandu jsir it-test, filwaqt li jiġu kkunsidrati tipi differenti ta' parteċipanti (f'termini ta' volum, attività, eċċ.), parteċipanti li jinsabu f'pajjiżi jew f'żoni orarji differenti, parteċipanti li għandhom tipi differenti ta' kontijiet (omnibus u segregat), infrastrutturi tas-swieq rilevanti, kif xieraq. Dan it-test għandu jinkludi eżerċizzju ta' simulazzjoni u test tal-proċeduri ta' komunikazzjoni. Jekk ikun mitlub mill-awtorità kompetenti, CSD jista' jippreżenta l-parametri li għandu l-ħsieb li juża lill-awtorità kompetenti tiegħu qabel kull test.
17. Meta test jiżvela xi nuqqas fir-regoli u fil-proċeduri dwar l-inadempjenza, is-CSD għandu jimmodifikahom kif xieraq. Meta eżerċizzju ta' simulazzjoni jiżvela n-nuqqas ta' tagħrif jew rieda li jiġu applikati r-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza mill-parteċipanti tiegħu jew minn infrastrutturi oħra tas-swieq, is-CSD għandu jiżgura li dawn l-entitajiet ikunu infurmati kif xieraq u għandu jieħu azzjonijiet sabiex ineħħi dawn in-nuqqasijiet.
18. Ir-riżultati ta' kwalunkwe test u l-bidliet ikkunsidrati għar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza tiegħu, jekk hemm, għandhom jiġu kondiviżi mal-korp ta' amministrazzjoni, mal-kumitat għar-riskji, mal-awtorità kompetenti u mal-awtoritajiet rilevanti tas-CSD. Is-CSD għandu wkoll jiżvela mill-inqas sommarju tar-riżultati ta' test li twettaq u, il-bidliet ikkunsidrati għar-regoli u l-proċeduri dwar l-inadempjenza tiegħu, jekk hemm, lill-parteċipanti tiegħu.